MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH S. REFALO

Seduta tal-15 ta' April, 2005

Talba Numru. 36/2005

**Thomas Smith Insurance Agency Limited ta' 12 Saint Christopher Street, Valletta (C5637) in rapprezentanza tas-socjeta` estera Societa` Italiana Assicurazioni e Riassicurazioni S.p.a –S.I.A.T – kif surrogata bil-polza u bil-ligi fid-drittijiet tal-assikuat taghha Stephen Azzopardi, u l-istess Stephen Azzopardi**

**vs**

**Victor Buttigieg**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-6 ta' Jannar, 2005 fejn intalab il-hlas tas-somma ta' tlett mija u tmienja u tletin lira Maltija u sitta u erbghin centezmu (Lm338.46) danni kagunati fil-vettura JBD 135 in segwitu ghall-incident tat-traffiku li gara f'Saint Joseph High Street, Hamrun fis-7 t'Awissu, 2004 – ghal liema incident jaghtu unikament u**

**esklussivament il-konvenut illi kien qed isuq il-vettura tieghu NOE 131 bi traskuragni, b'negligenza, b'nuqqas ta' zamma ta' proper look out, u bi ksur tar-regolamenti tat-traffiku.**
**Bl-ispejjez gudizzjarji kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra l-kapitolu prezentat mill-atturi fis-7 ta' Marzu, 2005 ghas-subizzjoni tal-konvenut. Ra li l-konvenut baqa' ma deherx u lanqas ma pprezenta risposta u ghalhekk id-domandi attrici ghandhom jitqiesu bhala konfermati.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici, issib lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident li sehh, u jikkundannah ihallas lill-atturi s-somma ta' tlett mija u tmienja u tletin lira Maltija u sitta u erbghin centezmu (Lm338.46)**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati mill-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------